



European
Commission

II-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE

Regoli ta' Proċedura

Health

EU Health Policy Platform

RULES OF PROCEDURE

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jispjega l-metodi ta' ħidma tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u t-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li taġġorna dawn ir-Regoli ta' Proċedura kif meħtieġ u mingħajr avviż minn qabel.

Werrej

1. Metodi ta' ħidma	1
1.1 Metodi ta' ħidma: Obiettivi u Struttura	3
1.2 Metodi ta' ħidma: Pjattaforma	5
1.3 Metodi ta' ħidma: Laqgħat tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE	22
2. Termini u Kundizzjonijiet	25
2.1 Termini Bażiċi	25
2.2 Prinċipji ta' Gwida fir-Rigward tat-Trasparenza	40
2.3 Evalwazzjoni u Appoġġ Organizzazzjonali	43

“Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE hija maħsuba biex iżżid il-kondiviżjoni tal-ideat u tal-prattiki tajbin bejn il-partijiet ikkonċernati tas-saħħa pubblika fl-UE”

1. Metodi ta' ħidma

Il-mandat tal-Forum tal-Politika tas-Saħħa tal-UE intemm f'Diċembru 2013¹. Sadanittant, il-Kummissjoni adottat approċċ ġdid għal konsultazzjonijiet pubbliċi sistematiċi fuq skala kbira (inklużi l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa) għall-inizjattivi kollha tal-politika jew regolatorji tal-Kummissjoni. Għalhekk, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (SANTE) aġġorna l-kunċett tal-Forum biex jirrifletti aħjar il-prioritajiet tal-Kummissjoni matul id-djalogi mal-partijiet ikkonċernati.

Il-format il-ġdid tal-Forum tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tfassal biex jagħmilha aktar faċli għall-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa pubblika fl-UE biex jikkondividu l-ideat u l-prattiki tajbin.

Għalhekk, il-Forum tal-Politika tas-Saħħa tal-UE evolva minn korp konsultattiv għal mezz ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati fil-

¹ Il-Forum tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jevolvi minn grupp konsultattiv għal mezz ta' komunikazzjoni multilaterali bejn il-KE u l-partijiet ikkonċernati tagħha fil-qasam tas-saħħa, billi joħloq pjattaforma interattiva kollaborattiva. Ma għadux iffukat fuq il-konsultazzjoni, peress li l-Kummissjoni Ewropea stabbiliet proċedura uffiċjali li tagħmel il-konsultazzjonijiet kbar mal-partijiet ikkonċernati obbligatorji. Minflok, il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tiffoka fuq il-ħolqien ta' spazju għal djalogu permanenti dwar kwistjonijiet tas-saħħa bejn il-partijiet ikkonċernati possibbli kollha tas-saħħa u mal-Kummissjoni Ewropea. B'dan l-oġettiv il-ġdid u l-fatt li ma għadhiex maħsuba sħubija fissa, il-grupp mhux se jibqa' jeżisti bħala grupp ta' esperti u se jitlef il-karatteristika konsultattiva tiegħu, u b'hekk se jitneħħa mir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni Ewropea.

qasam tas-saħħa: il-**Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE** (minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll il-Pjattaforma).

1.1 Metodi ta' ħidma: Objettivi u Struttura

Objettivi

II-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE għandha l-għan li:

- Tipprovdi qafas għal djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa u mal-Kummissjoni;
- Tiffaċilita d-diskussjonijiet immirati;
- Tiżgura t-trasparenza fid-djalogu dwar il-politika tas-saħħa;
- Tikkontribwixxi għall-bini tal-għarfien u tal-kompetenza esperta dwar kwistjonijiet ta' saħħa pubblika;
- Tappoġġja t-tixrid ta' informazzjoni dwar proġetti tal-Kummissjoni (eż. proġetti kofinanzjati tal-Programm tas-Saħħa, inklużi Azzjonijiet Konġunti);
- Tidentifika, tikkondividi u tinkoraġġixxi r-replikazzjoni ta' prattiki tajbin relatati mal-politika tas-saħħa;
- Tiġbor u tiċċirkola r-riċerka u tgħin biex tagħmel ir-riżultati u l-eżiti aċċessibbli aktar faċilment għall-partijiet ikkonċernati interessati;
- Tipprovdi informazzjoni dwar oqsma ta' politika oħrajn relatati mas-saħħa skont l-approċċ "Is-Saħħa fil-Politiki Kollha".

Struttura

Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE topera permezz tat-tliet assi li ġejjin:

- **Pjattaforma fuq il-Web** - il-pjattaforma sservi bħala forum għad-diskussjoni u l-kollaborazzjoni online fost il-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa u tipprovdi spazju miftuħ għall-utenti rreġistrati kollha biex jippowstjaw l-aħbarijiet u l-avvenimenti tagħhom
- **Dikjarazzjonijiet Konġunti** - dokumenti ta' pożizzjoni abbozzati mill-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa dwar kwistjonijiet tas-saħħa partikolari wara sejħa dedikata għall-proposti.
- **Laqgħat wiċċ imb wiċċ u webinars diretti** - dawn l-avvenimenti jinkludu l-Laqgħa Annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, il-webinars tan-Networks Tematiċi, laqgħat oħra u avvenimenti ibridi fuq bażi *ad hoc*.

Il-Premju tas-Saħħa tal-UE tnieda għall-ewwel darba fl-2015 u kien parti mill-attivitajiet tal-Pjattaforma tas-Saħħa tal-UE u wieħed mill-pilastri ewlenin tagħha sal-2021, meta tnediet l-aħħar edizzjoni ddedikata għall-Prevenzjoni tal-Kanċer u għas-Saħħa Mentali. L-aħħar Ċerimonja tal-Premjijiet ġiet organizzata fl-2022. Rapporti sommarji li jniżżlu r-rebbieħa u l-inizjattivi fil-lista mqassra għal kull edizzjoni tal-Premju, flimkien ma' deskrizzjonijiet tal-proġetti kollha tagħhom, huma disponibbli fuq is-[sit web tal-Premju tas-Saħħa tal-UE](#). Ħafna minn dawn il-proġetti għadhom qegħdin iħallu impatt pożittiv fuq is-saħħa pubblika, u kollha kemm huma jistgħu jispiraw l-aħjar prattiki u approċċi innovattivi oħrajn.

1.2 Metodi ta' Ħidma: Pjattaforma

Il-membri tal-pjattaforma (utenti)

Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE hija għodda kollaborattiva online biex tagħmilha aktar faċli għall-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa li jikkomunikaw bejniethom u mal-Kummissjoni. Il-lingwa ta' ħidma hija l-Ingliż, għalhekk huwa obbligatorju li l-aħbarijiet, id-dokumenti u l-avvenimenti ppubblikati fin-network Agora jiġu prodotti bl-Ingliż. Il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra tista' titqies biss fi ħdan in-networks ristretti (in-networks tal-Partijiet Ikkonċernati u n-networks tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri) fuq bażi *ad hoc*. Din il-prattika għandha tintalab formalment permezz ta' email lil SANTE-HPP@ec.europa.eu.

Il-membri tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE huma diversi u jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' setturi u interessi. Ara t-taqsima 6 fil-lista ta' kriterji ta' hawn taħt għat-tipi ta' utenti aċċettati.

Biex jingħaqdu mal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, il-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa (individwi li jirrappreżentaw lil dawn l-organizzazzjonijiet) iridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin.

1. Jirrappreżentaw entità b'indirizz tal-email operattiv u individwali u jipprovdu isimhom u kunjomhom fil-formola tar-reġistrazzjoni – kaxxi postali funzjonali u ismijiet ta' organizzazzjonijiet mhux se jiġu aċċettati fil-Pjattaforma. Jekk jogħġbok kun ċert li tuża ismek stess, mhux l-isem jew l-akronimu tal-organizzazzjoni li inti parti minnha, bħala l- "username" meta toħloq l-EU login tiegħek kif ukoll meta tirreġistra fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa.

L-entitajiet li m'għandhomx indirizz tal-email individwali isem.kunjom@organizzazzjoni.com iridu jindikaw dan meta jimlew il-qasam "Dwar l-organizzazzjoni" tal-formola tar-reġistrazzjoni.

L-aċċess għall-HPP jista' jingħata biss lil individwi, u għal raġunijiet ta' sigurtà jeħtieġ li nkunu nafu l-identità tal-utent individwali wara l-indirizz tal-email. Dik il-persuna identifikata għandha r-responsabbiltà totali għall-użu tagħha tal-Pjattaforma.

2. Ikunu entità Ewropea, nazzjonali, reġjonali jew lokali, irreġistrata fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż taż-ŻEE jew entità nazzjonali, reġjonali jew lokali rreġistrata f'pajjiż assoċjat mal-Programm L-UE għas-Saħħa (bħal pajjiż kandidat tal-UE). Jekk l-utent ma jsibx il-pajjiż tiegħu fil-lista meta jirreġistra, huwa mitlub jikkuntattja lil SANTE-HPP@ec.europa.eu.
3. Jistgħu jkunu entità minn pajjiż differenti minn dawk identifikati fil-punt 2 jekk:
 - a) hija involuta f'azzjoni ffinanzjata taħt il-programm L-UE għas-Saħħa skont il-kundizzjoni speċifikata fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar il-Programm L-UE għas-Saħħa. Is-sħubija tintemm ladarba tiġi konkluża l-azzjoni ffinanzjata taħt L-UE għas-Saħħa; jew
 - b) taħdem fil-livell internazzjonali fis-saħħa (jiġifieri Organizzazzjonijiet Internazzjonali bħad-WHO jew in-NU) (l-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament dwar il-Programm L-UE għas-Saħħa);

- c) hija organizzazzjoni mhux governattiva tal-pazjenti jew professjonali, li taħdem fil-qasam tas-saħħa, irreġistrata f'pajjiż differenti minn dawk identifikati fil-punt 2 u li għandha entitajiet kostitwenti bbażati f'pajjiżi eliġibbli (jiġifieri UE/ŻEE).

It-talbiet taħt il-punt 3 se jitqiesu fuq bażi *ad hoc* u fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni.

4. Ikunu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE u jridu jkunu jirrappreżentaw direttament u esklużivament l-interessi tagħhom stess. L-entitajiet li ġejjin huma eżentati mir-reġistrazzjoni: Il-persunal tal-Istituzzjonijiet Ewropej², ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Ministeri, kif ukoll organizzazzjonijiet pubbliċi bħall-universitajiet, l-iskejjel, l-isptarijiet u l-istituti tar-riċerka u akkademiċi. Għal spjegazzjoni aktar dettaljata, jekk jogħġbok ikkonsulta l-[Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru tat-Trasparenza obligatorju](#).
5. Jistgħu jkunu konsulenti u ditti legali li jirrappreżentaw organizzazzjoni li tikkonforma ma' dawn il-kriterji kollha. L-utenti li jaħdmu għal konsulenza jew ditta legali jridu jesprimu l-intenzjonijiet tagħhom għall-użu tal-Pjattaforma fil-qasam tal-“missjoni tal-organizzazzjoni” disponibbli fil-formola tal-profil tagħhom.
6. Ikunu waħda mill-entitajiet li ġejjin:

² Il-lista uffiċjali tal-Istituzzjonijiet Ewropej hija disponibbli hawnhekk: https://european-union.europa.eu/institutions-law-budget/institutions-and-bodies/types-institutions-and-bodies_fr

- Organizzazzjonijiet mhux governattivi tas-saħħa pubblika u tal-pazjenti u fondazzjonijiet tas-saħħa
- Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-professjonisti tas-saħħa
- Servizzi tas-saħħa u fornituri tal-assigurazzjoni tas-saħħa
- Organizzazzjonijiet governattivi tas-saħħa pubblika
- Istituzzjonijiet Ewropej³
- Edukazzjoni bikrija, skejjel primarji u sekondarji
- Universitajiet u Istituti Pubbliċi tar-Riċerka
- Organizzazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti li jaħdmu fuq is-saħħa
- Organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet tan-negozju b'impenn ċar favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa, li jaqblu bil-miktub li ma jużawx il-Pjattaforma għal skopijiet kummerċjali

Fi sforz biex il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE ssir aktar inklużiva, l-utenti li jipprovdu email minn fornitur tal-email bla ħlas (jiġifieri hotmail, gmail, yahoo), jew dawk li ma jistgħux jipprovdu numru tar-Reġistru tat-Trasparenza, se jiġu aċċettati fil-komunità tagħna fuq bażi *ad hoc*, jekk ikunu affiljati ma' waħda mill-organizzazzjonijiet fil-Pjattaforma, jew jekk jiġu rrakkomandati minn organizzazzjoni fil-Pjattaforma. L-utenti jridu jiċċaraw dan fil-qasam tal-formola tar-reġistrazzjoni "Dwari".

³ Il-lista uffiċjali tal-Istituzzjonijiet Ewropej hija disponibbli hawnhekk: https://european-union.europa.eu/institutions-law-budget/institutions-and-bodies/types-institutions-and-bodies_fr

Il-kummenti, il-posts jew l-immaġnijiet fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE ġġenerati mill-utenti ma għandhomx:

- Ixerrdu informazzjoni falza u/jew ta' malafama;
- Jiksru d-drittijiet tal-awtur;
- Jinkludu kontenut diskriminatorju, abbużiv, vulgari, li jinvadi l-privatezza ta' persuna jew li b'xi mod ieħor jikser il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;
- Jippowstjaw kontenut li jinkludi informazzjoni privata u/jew personali;
- Jippromwovu servizzi u prodotti, jew kawżi, kummerċjali;
- Jippromwovu attivitajiet tas-saħħa li ma humiex ibbażati fuq evidenza xjentifika jew prattiki ġeneralment aċċettati.

Il-kontenut iġġenerat mill-utenti, bħal kummenti jew posts, jirrappreżenta l-fehmiet ta' dawk li jipprovdu l-kontenut, u mhux neċessarjament jirrappreżenta l-fehmiet jew il-politiki tal-Kummissjoni Ewropea.

Innota li l-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li teskludi lill-partijiet ikkonċernati minn kwalunkwe Network jew mill-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jekk ma jikkonformawx ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura. Dan il-pass se jittieħed wara konsultazzjoni mal-Unità ta' Politika kkonċernata.

Reġistrazzjoni

Sabiex jirreġistraw fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, l-utenti jridu joħolqu kont fis-Sistema ta' Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (EU

Login). Biex toħloq dan il-kont, jekk jogħġbok ikklikkja [hawn](#). Jekk jogħġbok uża isem, kunjom u indirizz tal-email individwali.

Biex tiġi żgurata t-trasparenza, l-ismijiet tal-utenti fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jinħolqu awtomatikament, u jinkludu l-isem tal-utent u l-organizzazzjoni li l-utent jaħdem għaliha. Aktar minn individwu wieħed minn organizzazzjoni partikolari jista' jieħu sehem fil-pjattaforma. Dan jagħmilha possibbli li l-organizzazzjoni tkun preżenti f'networks differenti b'diversi rappreżentanti.

Wara talba għall-aċċess, it-tim tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jivverifika li l-applikant ikkonforma mal-kriterji msemmija hawn fuq u jagħti jew jirrifjuta l-aċċess għan-network online komuni Agora. It-talbiet jiġu pproċessati fil-jiem tax-xogħol mill-10.00 sal-16.00 (mill-10 a.m. sal-4 p.m.) CET, il-ħin ta' Brussell. It-tim għandu l-għan li jipproċessa t-talbiet kollha fi żmien 12-il jum tax-xogħol. Il-validazzjoni u r-rifjut tat-talbiet għall-aċċess ma jsirux bi proċess awtomatiku iżda huma soġġetti għal verifiki individwali mwettqa mill-moderaturi tal-Pjattaforma.

Jekk jingħata aċċess, l-utent ikun jista' jaċċessa n-network online komuni Agora, in-Networks Tematiċi attwalment miftuħa u n-networks ta' Skambju. F'dan l-istadju, l-utenti jistgħu jitolbu aċċess għal networks ristretti, bħal dawk in-networks immexxija mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-Partijiet Ikkonċernati. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jew il-partijiet ikkonċernati tas-saħħa maħtura se jassumu r-rwol ta' moderaturi ta' dawn in-networks u se jagħtu jew se jirrifjutaw talbiet għall-aċċess skont il-kriterji tagħhom stess.

Struttura

Il-Pjattaforma tikkonsisti f'paġna ewlenija pubblika u fi tliet taqsimiet:

1. Il-paġna ewlenija pubblika, li fiha informazzjoni ġenerali dwar il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE - tippermetti lill-pubbliku inġenerali jaċċessa l-informazzjoni li tkun saret disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.
2. In-network Agora huwa żona ta' diskussjoni komuni aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti u li rreġistraw. Il-partijiet ikkonċernati huma mħeġġa jippubblikaw aħbarijiet, avvenimenti, links u dokumenti relatati mal-attivitajiet tagħhom.
 - Komunikazzjoni transsettorjali: informazzjoni dwar is-saħħa pubblika relatata mal-inizjattivi tal-Kummissjoni jew tal-partijiet ikkonċernati li tista' tiġi kondiviża mal-pubbliku tinxtered fin-network Agora u fi kwalunkwe network ristrett ieħor, fejn rilevanti.
 - Promozzjoni ta' konsultazzjonijiet miftuħa: il-Kummissjoni tippromwovi u tippubblika konsultazzjonijiet biex titlob il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet speċifiċi tas-saħħa u tħeġġiġhom jipprovdu kontribut għad-djalogi ta' politika permezz tal-mezzi uffiċjali għall-konsultazzjonijiet;
 - Ġbir ta' informazzjoni għar-rapporti: id-DĠ SANTE jistieden lill-partijiet ikkonċernati jesprimu l-fehmiet tagħhom u jikkondividu informazzjoni rilevanti oħra bbażata fuq *data* empirika, l-istudji mwettqa jew il-prattiki tajbin;
 - Identifikazzjoni ta' kwistjonijiet tas-saħħa emerġenti: id-DĠ SANTE jfittex l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet emerġenti jew prijoritajiet tas-saħħa;

- Parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'konferenzi: permezz tan-network Agora, l-informazzjoni dwar l-avvenimenti u l-konferenzi tas-saħħa pubblika tiġi promossa mill-partijiet ikkonċernati rreġistrati kollha u għalihom;
 - Informazzjoni dwar is-Saħħa fil-Politiki Kollha: in-network Agora jipprovdi l-opportunità li tinġabar informazzjoni dwar oqsma ta' politika oħrajn relatati mas-saħħa li jistgħu jkunu ta' interess għall-komunità tas-saħħa pubblika.
3. Networks ta' Skambju: dawn huma aċċessibbli għall-utenti kollha rreġistrati fil-Pjattaforma u huma maħsuba biex jintużaw għall-iskambju ta' prattiki tajbin, il-kondiviżjoni ta' materjal ta' taħriġ, u biex iħeġġu lill-utenti jinteraġixxu.
4. In-Networks Tematiċi huma networks temporanji aċċessibbli għall-membri kollha tal-Pjattaforma li jiġu stabbiliti għal perjodu limitat biex jiffaċilitaw l-abbozzar ta' Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar kwistjonijiet tas-saħħa partikolari.

4.1. Il-funzjonament tan-Networks Tematiċi:

- Id-Dikjarazzjoni Konġunta tiġi prodotta b'mod kollettiv minn Network Tematiku matul perjodu limitat, li jikkorrispondi għat-tul ta' ħajja tan-network. Din tiddekrivi l-azzjonijiet sostenibbli li l-membri jippjanaw li jieħdu biex jilħqu l-għanijiet tan-Network. Din tkun approvata mill-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa biex jippromwovu l-kondiviżjoni u l-implimentazzjoni ta' prattiki tajbin u sinerġiji possibbli ma' azzjonijiet oħra relatati ma' suġġetti tas-saħħa tal-

UE li għadhom għaddejnin jew li huma kkumplimentati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Billi jagħmlu dan, il-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa jistgħu jappoġġjaw lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-politiki tas-saħħa tal-UE.

- Id-Dikjarazzjoni Konġunta dejjem se tkun indipendenti mill-fehmiet tal-Kummissjoni u ma għandu jkun hemm l-ebda aspettattiva jew suppożizzjoni li l-Kummissjoni se tiegħu azzjoni jew se talloka finanzjament għal azzjonijiet speċifiċi. Dan ovvjament ma jeskludix li xi wħud mill-ideat espressi fid-Dikjarazzjoni Konġunta jistgħu jiġu appoġġjati/promossi ulterjorment mill-Kummissjoni f'dokumenti u programmi ta' politika.
- Sejħa għall-proposti titnieda kull sena fil-Pjattaforma u tiġi promossa permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni kollha tal-Kummissjoni (Twitter @EU_Health, is-sit web tas-Saħħa Pubblika, is-sit web HaDEA). Il-Kummissjoni tipproponi sett ta' suġġetti ta' importanza kbira għall-politika tas-saħħa tal-UE kull sena. Kwalunkwe membru tal-Pjattaforma jista' jipproponi l-istabbiliment ta' Network Tematiku ġdid bil-għan li titfassal Dikjarazzjoni Konġunta ġdida dwar l-oqsma ta' politika ċentrali.
- Il-Kummissjoni mbagħad tevalwa l-proposti abbażi tar-rilevanza tagħhom għas-suġġetti proposti u l-prijoritajiet attwali tas-saħħa fl-aġenda tal-UE.
- Kull sena jinħolqu bejn tlieta u erba' Networks Tematiċi temporanji.

- L-organizzazzjoni li tkun ippreżentat il-proposta magħżula titqies bħala l-“mexxej tan-network”.
- L-għan tal-mexxej tan-network huwa li joħloq network b’saħħtu u jipproduċi Dikjarazzjoni Konġunta dwar kwistjoni tas-saħħa partikolari bl-għajjnuna tal-partijiet ikkonċernati l-oħrajn, qabel il-laqgħa annwali li jmiss tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.
- Se jiġi organizzat sett ta’ webinars mit-tim ta’ appoġġ tal-Pjattaforma biex jitlob kummenti u approvazzjonijiet tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti. Il-mexxejja tan-Networks Tematiċi jħejju l-kontenut, filwaqt li t-tim tal-Pjattaforma jkun responsabbli għal-loġistika.
- Il-mexxejja tan-network jiġu mistiedna jippreżentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta finalizzata tagħhom fil-Laqgħa Annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE. Din il-preżentazzjoni għandha tispjega l-fehmiet tal-kontributori għad-dikjarazzjoni.
- Il-mexxejja tan-Networks Tematiċi jistgħu jitolbu approvazzjonijiet mill-organizzazzjonijiet qabel u wara l-laqgħa annwali.
- Ladarba l-għan tan-Network Tematiku temporanju jkun intlaħaq billi tiġi ppreżentata d-Dikjarazzjoni Konġunta fil-Laqgħa Annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, il-mexxejja jippowstjaw id-Dikjarazzjoni Konġunta finali u approvata tagħhom fuq il-Pjattaforma u n-networks tagħhom, jekk jintalbu mill-mexxejja rispettivi, jiġu ttrasformati f’parti kkonċernata jew f’network ta’ skambju.

- Id-DĠ SANTE jirrapporta dwar id-Dikjarazzjonijiet Konġunti f'kull webinar organizzat għall-mexxejja tan-Networks Tematiċi, jagħti segwitu għall-produzzjoni ta' dawn id-Dikjarazzjonijiet u fl-aħħar nett jikkummenta (flimkien mal-kummentaturi minn DĠs oħra tal-Kummissjoni interessati) fuq il-preżentazzjoni tagħhom fil-Laqqha Annwali tal-Pjattaforma.
- Sabiex jingħalaq iċ-ċiklu tan-Networks Tematiċi, jew issir diskussjoni madwar mejda fil-laqqha annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE biex jiġu diskussi t-tagħlimiet meħuda fil-proċess ta' abbozzar jew inkella wara jsir webinar dirett separat. Il-mexxejja tan-Networks Tematiċi u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jiltaqgħu u jiddiskutu l-eżitu taċ-ċiklu.
- Fl-aħħar nett, xahar wara l-Laqqha Annwali tal-Pjattaforma, in-Networks Tematiċi jiġu ttrasformati f'Networks ta' Skambju jew tal-Partijiet ikkonċernati u jkomplu l-ħidma waħedhom.

5. Networks immexxija mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri: ġeneralment ikunu aċċessibbli minn membri maħtura, iżda mhux biss. Il-persunal maħtur responsabbli tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru jimmonitorja dawn il-gruppi u jiżgura l-moderazzjoni kif ukoll jikkondividi l-informazzjoni pubblika tal-grupp mal-bqija tal-membri tal-Pjattaforma fin-network Agora (ara "komunikazzjoni transsettorjali" hawn fuq).

- In-networks immexxija mill-Kummissjoni, kemm jekk ikunu gruppi ta' esperti kif ukoll jekk ikunu xi tip ta' grupp konsultattiv ieħor li jista' jiġi

assimilat ma' gruppi ta' esperti, iridu jirrispettaw ir-Regoli tas-Segretarjat Ġenerali għall-Gruppi ta' Esperti u jridu jiġu rreġistrati fir-Reġistru ta' Gruppi ta' Esperti. Jekk jogħġbok aqra bir-reqqa r-regoli: <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups-explained?lang=mt>

- Il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tas-saħħa fi gruppi u networks stabbiliti u mmaniġġjati mill-Kummissjoni trid tkun soġġetta għal kontroll bir-reqqa mill-Unitajiet u l-moderaturi kkonċernati. Kwistjonijiet dwar it-trasparenza, il-kunflitti ta' interess, eċċ. iridu jiġu ttrattati minn kull network individwalment.
- Għal dan il-għan, uffiċjal tal-Kummissjoni jrid jiġi nnominat bħala moderatur tan-network (ara l-paġna li jmiss taħt "Il-Moderatur"). Huwa f'idejn il-moderaturi tan-network li jivverifikaw il-konformità mar-regoli tas-sħubija, jimmonitorjaw l-attivitajiet tan-networks tagħhom u jieħdu l-passi xierqa għall-implimentazzjoni tar-Regoli tas-Segretarjat Ġenerali.

6. **Networks tal-Partijiet Ikkonċernati:** huma networks ristretti stabbiliti biex jikkondividu l-għarfien u l-informazzjoni dwar qasam speċifiku tas-saħħa. Dawn jinħolqu b'reazzjoni għal talba diretta lil SANTE-HPP@ec.europa.eu mill-membri tal-Pjattaforma. Il-membri tal-pjattaforma li għandhom interess f'ċertu network ta' partijiet ikkonċernati jistgħu jitolbu aċċess. Il-moderaturi tal-partijiet ikkonċernati maħtura jiddeċiedu jekk jagħtux jew jirrifjutawx l-aċċess, u għalhekk li wieħed sempliċement jagħmel talba ma jggarantix l-

aċċess għal dan it-tip ta' network.

- F'xi każijiet, in-networks nazzjonali jinħolqu bħala satellita ta' network eżistenti fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jekk id-diskussjonijiet b'enfasi nazzjonali jitqiesu utli jew meħtieġa. Dawn in-Networks jistgħu jitmexxew bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE, fuq talba. Il-moderaturi tan-Networks nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jikkellmu bl-Ingliż sabiex jinteraġixxu ma' moderaturi oħra. Il-posts tan-Network Agora dejjem għandhom ikunu bl-Ingliż.

II-Moderatur

Il-Kummissjoni Ewropea se taġixxi bħala moderatur tal-Pjattaforma kollha. Barra minn hekk, kull Network għandu tal-anqas żewġ moderaturi li jagħtu aċċess (jivvalidaw jew jirrifjutaw it-talbiet) u jimmoderaw il-kontenut fin-networks.

Hemm tliet tipi differenti ta' moderaturi, skont it-tip ta' Network:

1. Moderaturi tat-Tim tal-Pjattaforma: persunal li jaħdem fid-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli għall-proġett tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE. Dawn jimmonitorjaw it-talbiet għall-aċċess u l-kontenut fin-Network Agora u jappoġġjaw in-networks kollha fil-Pjattaforma.
2. Moderaturi tal-Persunal tal-Kummissjoni: ikollhom għarfien espert fil-qasam ta' prijetà tan-network immexxi mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru li jintalbu li jimmoderaw.
3. Moderaturi tal-partijiet ikkonċernati: In-Networks tal-Partijiet Ikkonċernati, ta' Skambju u Tematiċi huma moderati minn organizzazzjonijiet ewlenin tal-partijiet ikkonċernati maħtura.

Il-moderaturi kollha jkunu membri ta' network aċċessibbli għalihom biss.

Kategorija oħra (li ma għandhiex titfixkel mal-moderaturi) hija l-**“Mexxejja tan-Networks”**: dawn huma membri tal-Pjattaforma li ma għandhomx drittijiet amministrattivi tekniċi iżda jirrappreżentaw lin-Network fil-Pjattaforma u huma elenkati f'kaxxa f'kull network, fuq il-lista tal-utenti ta' kull network. Il-moderaturi spiss iservu wkoll bħala mexxejja tan-network.

Funzjonalitajiet

Il-funzjonalitajiet li ġejjin huma disponibbli għall-membri tal-Pjattaforma:

- **Ippowstjar ta' aħbarijiet:** ippowstja artikli, aġġornamenti jew opinjonijiet dwar kwistjonijiet tas-saħħa fi kwalunkwe newsfeed tan-network u żid dokumenti, stampi jew links ma' aħbarijiet;
- **Ħidma kollaborattiva:** tista' tapplowdja verżjonijiet ġodda ta' dokument fil-librerija tal-Agora jew fi kwalunkwe network ieħor fi kwalunkwe punt matul il-proċess tal-abbozzar u minn kwalunkwe membru tal-Pjattaforma;
- **Bidu ta' diskussjonijiet:** uża l-qasam tal-kummenti taħt kull entrata ta' aħbar.
- **Avvenimenti:** oħloq, ikkondividi u ppromwovi l-avvenimenti u stieden lill-membri tal-Pjattaforma biex jissieħbu;
- **Stħarriġ tal-opinjoni:** oħloq stħarriġ tal-opinjoni;
- **Librerija:** applowdja (inkluż applowdjar bil-massa) jew iddawnlowdja dokumenti fil-librerija tan-network Agora jew ta' kwalunkwe network fejn għandek aċċess, jew minnha;
- **Notifiki:** ibqa' aġġornat dwar l-aħbarijiet u l-avvenimenti li ssegwi billi titlob li tirċievi allerti meta jkun hemm aġġornamenti (ara ċ-ċentru tan-notifiki fil-parti ta' fuq tal-paġna u kklikkja fuq l-ikona tal-qanpiena għall-allerti);
- **Newsletter:** irċievi n-newsletter li toħroġ darbtejn fil-ġimgħa bl-aħħar aġġornamenti kollha tan-Network tiegħek
- **Webinars:** ingħaqad mal-Webinars Diretti organizzati mit-tim tal-Pjattaforma. Is-suġġetti ta' diskussjoni huma relatati mal-prijoritajiet tas-saħħa tal-UE u mal-prijoritajiet tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE (inkluż taħriġ dwar karatteristiċi ġodda jew aġġornamenti dwar Dikjarazzjonijiet Konġunti). L-istediniet huma disponibbli fin-newsfeed u fil-librerija tan-network korrispondenti.



1.3 Metodi ta' Ħidma: Laqgħat tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE

Frekwenza

Id-DG SANTE jorganizza laqgħat wiċċ imb wiċċ biex jospita diskussjonijiet tematiċi mmirati fost l-utenti tal-Pjattaforma, inklużi:

- laqgħat ta' Networks Tematiċi (laqgħa ta' tnedija darba fis-sena, jekk applikabbli).
- Laqgħa Annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE

Laqgħat tan-Networks Tematiċi

Darba fis-sena, dawn il-laqgħat iservu biex jagħtu bidu għall-produzzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti. Il-parteċipanti huma l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tas-saħħa li jmexxu n-Networks Tematiċi temporanji. Il-mexxejja tan-network magħżula għan-networks tematiċi jagħtu preżentazzjoni dwar l-għan u l-eżiti mistennija tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti tagħhom. Matul din il-laqgħa, it-tim tal-Pjattaforma joffri taħriġ dwar il-funzjonalitajiet ewlenin tal-Pjattaforma u l-ispeċifitajiet tan-Networks Tematiċi.

Dawn il-laqgħat jistgħu jsiru jew fiżikament jew online.

Laqgħa Annwali tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE

Darba fis-sena, il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati tas-saħħa pan-Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiddiskutu ideat u attivitajiet bejniethom u mas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-

laqgħa hija ddisinjata biex tkun inklużiva, u tirrifletti d-diversità ġeografika u professjonali tal-parteċipanti tagħha.

Il-laqgħa normalment tlaqqa' madwar 100 sa 150 rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tas-saħħa tal-UE. Jiġu ppreżentati inizjattivi ewlenin tal-UE dwar is-saħħa kif ukoll id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-sena.

Kif tipparteċipa fil-laqgħa annwali?

Minħabba l-kapaċità limitata tas-sala tal-laqgħat, il-membri tal-Pjattaforma u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tas-saħħa li jixtiequ jieħdu sehem f'din il-laqgħa personalment iridu jesprimu l-interess tagħhom billi jimlew formola ta' reġistrazzjoni li se tkun disponibbli permezz tan-network Agora. Il-parteċipanti jintgħażlu fuq bażi ta' min jirreġistra l-ewwel, għalkemm l-involvement tagħhom fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa, l-esperjenza u l-impenn tagħhom għas-suġġett(i) ta' diskussjoni jittqiesu wkoll. Dawk li ma jiġux mistiedna biex jipparteċipaw personalment jew li ma jkunux jistgħu jattendu fiżikament huma mistiedna jieħdu sehem online billi jsegu x-xandira diretta u/jew jipparteċipaw b'mod attiv permezz tal-Webex.

Wara l-proċedura tal-għażla, il-parteċipanti jirċievu konferma permezz ta' email.

Eżitu u Tixrid

Il-laqgħat annwali jsiru f'xandira diretta u/jew jużaw il-Webex sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati bħala avvenimenti ibridi (kemm fiżikament kif ukoll online). Il-weblink hija disponibbli fin-network Agora u tinxtered ukoll permezz ta' diversi mezzi oħra ta' komunikazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni. Il-preżentazzjonijiet tal-kelliema jkunu disponibbli wkoll wara l-avveniment.

Wara kull Laqgħa Annwali, jitħejja rapport u jitqassam fin-network Agora. Ir-rapport jitħejja b'mod indipendenti u mhux neċessarjament ikun jirrappreżenta l-fehmiet tal-Kummissjoni.

2. Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Termini Bażiċi

Inti responsabbli għall-użu tiegħek tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, għal kwalunkwe kontenut li tippubblika u għall-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw mill-pubblikazzjoni ta' tali kontenut. Billi ttella' l-kontenut tiegħek fuq il-Pjattaforma, inti tagħti l-kunsens tiegħek li dan potenzjalment jiġi ppubblikat skont kif jidhirlu l-moderatur tal-Pjattaforma.

Huma biss il-membri tan-Network li tippowstja fih li se jkunu jistgħu jaraw il-posts. Jekk jogħġbok kun af li dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom ikunu relatati mas-suġġett ta' fokus tan-network.

Hija r-responsabbiltà tal-utent li jippowstja l-kontenut tiegħu fin-network u għall-udjenza li għalihom huwa maħsub il-kontenut. Il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għall-kondiviżjoni mhux intenzjonata tad-dokumenti minħabba nuqqas min-naħa tal-utent li jippowstja dawn id-dokumenti fin-network xieraq.

Il-lingwa tal-komunikazzjoni tal-Pjattaforma hija l-Ingliż. In-network Agora huwa mmexxi esklussivament bl-Ingliż. Madankollu, id-dokumenti jew il-links għal siti web ippubblikati mill-membri jistgħu jkunu bi kwalunkwe lingwa oħra, sakemm dan ma jeskludix apposta lil xi utent partikolari. Fil-każ tan-networks nazzjonali, tista' tintuża kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE (fuq talba).

L-Isem tal-Utent u l-Password

Biex tirreġistra fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, trid toħloq kont tal-EU Login (li qabel kienet l-ECAS). Biex toħloq dan il-kont, jekk jogħġbok ikklikkja **hawn**. Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-ħolqien ta' kont tal-ECAS, jekk jogħġbok aqra l-**Għajnuna dwar l-EU Login u d-Dikjarazzjoni tal-Privatezza**.

Jekk jogħġbok kun af li se jiġi awtorizzat biss indirizz tal-email personalizzat relatat mal-organizzazzjoni tiegħek mis-Sistema ta' Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (ECAS) għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE eż.: isem.kunjom@organizzazzjoni.xx jew i.kunjom@isem_NGO.xx (jew kull taħlita oħra possibbli).

Il-moderatur tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jirċievi notifika u jaċċetta r-reġistrazzjoni tiegħek fuq il-Pjattaforma sakemm tikkonforma mal-kriterji ddikjarati f'**1.2 Metodi ta' Ħidma: Pjattaforma**.

L-utenti huma responsabbli li jħarsu l-passwords tagħhom u għal kwalunkwe attività, azzjoni jew ippowstjar mill-kontijiet tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea tneġġeġ l-użu ta' passwords kumplessi eż. b'ittri kbar u żgħar, numri u simboli biex tiġi evitata kwalunkwe frodi possibbli.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dannu li jirriżulta mit-telf tal-isem tal-utent jew tal-password tiegħek.

Id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħek bħala utent

L-għan tagħna huwa li nipprovdu Pjattaforma li tagħmilha faċli għall-partijiet ikkonċernati fil-qasam tas-saħħa pubblika li jikkomunikaw bejniethom u mar-rappreżentanti tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea.

Kull utent huwa responsabbli għall-kontenut ippubblikat fi ħdan il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea tirrispetta s-sjieda tal-kontenut kondiviż mill-membri tal-Pjattaforma. Il-membri tal-pjattaforma min-naħa tagħhom huma responsabbli li jivverifikaw li huma s-sidien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali tal-kontenut kollu jekk ikunu jixtiequ jippubblikawh, jew li jkollhom permess jikkondividu l-kontenut li għalih ma għandhomx id-drittijiet uniċi (eż. liċenzji tal-Creative Commons, bażijiet tad-*data* tar-ritratti...).

il-membru tal-Pjattaforma għandu d-dmir li jipprovdi informazzjoni preċiża dwar il-Pjattaforma rigward il-profil tal-organizzazzjoni tiegħek u l-kontenut li tippowstja u taqsam. Il-Kummissjoni Ewropea ma tistax tinżamm responsabbli għall-imġibiet diżonesti tal-membri tal-Pjattaforma.

L-imġiba mistennija tal-membri tal-Pjattaforma

- Kulħadd għandu jittratta lill-membri l-oħrajn kollha tal-Pjattaforma b'rispett u b'korteżija f'kull mument, anke f'każ ta' nuqqas ta' qbil.
- Id-diskussjonijiet fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE qatt ma għandhom jiżvelaw id-*data* dwar is-saħħa tal-individwi.
- Il-membri tal-pjattaforma ma għandhomx jippretendu li huma Amministraturi, Koordinaturi, Edituri jew Moderaturi billi jużaw

“Amministratur”, “Koordinatur”, “Editor” jew “Moderatur” fl-isem tal-utent jew il-profil tagħhom.

- Il-mexxejja tad-diskussjonijiet fin-networks tematiċi ma għandhomx jabbużaw mir-rwol ta’ koordinazzjoni tagħhom u għandhom dejjem iżommu diskussjoni bbilanċjata, filwaqt li jqisu l-kummenti u l-ideat minn kull min jixtieq jikkontribwixxi għall-abbozzar ta’ Dikjarazzjoni Konġunta speċifika
- F’każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-membri tal-Pjattaforma dwar jekk il-kontenut kondiviż fi kwalunkwe network tal-Pjattaforma huwiex xieraq, il-Kummissjoni Ewropea tiegħu d-deċiżjoni finali.
- Il-prodotti għall-bejgħ, inklużi l-pubblikazzjonijiet li għalihom hija meħtieġa tariffa, ma għandhomx jiġu applowdjati fil-Pjattaforma.

Imġiba abbużiva u spam

Il-Kummissjoni Ewropea tagħmel fihom li biex tiproteġi lill-membri tal-Pjattaforma tagħha mill-abbuż u mill-ispam. L-abbuż mill-utenti u l-abbuż tekniku (jiġifieri l-pubblikazzjoni ripetittiva tal-istess kontenut li jista’ jitleqq bħala spam) mhux se jkun tollerati fil-Pjattaforma u jistgħu jirriżultaw f’sospensjoni tal-kont. B’mod partikolari, dan li ġej jista’ jirriżulta f’sospensjoni:

1. Il-ħolqien ta’ aktar minn kont wieħed għal kull utent: Tista’ toħloq diversi kontijiet għal kull organizzazzjoni, sakemm ikun hemm kont wieħed biss għal kull impjegat. Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, l-ebda utent ma jista’ joħloq kont sekondarju għalih innifsu.

- Imġiba abbużiva lejn mira speċifika: ma tistax tinvolvi ruħek f'abbuż jew f'fastidju mmirati. Tista' tinstab ħati ta' fastidju jekk inti: Timmira attacki lejn organizzazzjoni speċifika fir-rigward tar-reputazzjoni jew il-kontenut tagħha b'mod mhux pulit.
 - L-attakk fuq individwu speċifiku jew organizzazzjoni speċifika waħda mingħajr l-ebda provokazzjoni billi jiġu insulentati, billi jsiru kummenti diżpreġġjattivi, isir theddid jew forom oħra ta' attacki.
2. Malware (Software Malizzjuż)/Phishing⁴: Ma tistax tippubblika links għal kontenut malizzjuż maħsub biex jagħmel ħsara jew ifixkel il-browser jew il-kompjuter ta' utenti oħra jew jikkomprometti d-dikjarazzjoni tal-privatezza.
3. Spam: Ma tistax tuża l-Pjattaforma għall-ispam. Il-funzjoni tar-rapportar disponibbli f'kull pubblikazzjoni tista' tintuża biex jiġi rrapportat l-ispam. Il-membri tal-pjattaforma li jkunu jridu jirrapportaw l-ispam għandhom jużaw il-kaxxa testwali li tidher biex jispjegaw għaliex iqisu l-kontenut li qed jiġi rrapportat bħala spam. Din il-lista mhux eżawrjenti tipprovdi eżempji ta' x'jaqa' taħt id-definizzjoni ta' spam:
- L-ippowstjar ta' diversi pubblikazzjonijiet bl-istess test ikkupjat.
 - Kontenut mhux xjentifiku
 - Kontenut mhux relatat mal-Politika tas-Saħħa tal-UE
 - Il-ħolqien ta' kontenut qarrieqi jew falz b'mod sistematiku.

⁴ Scam li permezz tagħha utent tal-email jiġi mqarraq biex jiżvela informazzjoni personali jew kunfidenzjali li l-iscammer jista' jużaha b'mod illeċitu.

- L-ippowstjar b'mod ripetut ta' links f'pubblikazzjonijiet differenti mingħajr ebda aġġornament bil-miktub jew informazzjoni dwar il-links.
 - Il-ħolqien ta' kontijiet jew kontenut qarrieqa.
 - Il-promozzjoni ta' kontenut ta' partijiet terzi għal finijiet promozzjonali u mingħajr l-ebda għan li jittejbu d-diskussjoni u l-interazzjoni.
 - L-ippowstjar b'mod ripetut ta' informazzjoni ġenerali fin-networks tematiċi ffokati fuq suġġett wieħed biex tiġi mfixkla l-konverżazzjoni.
4. Kontenut grafiku: Ma tistax tuża ikoni grafiċi jew immaġnijiet pornografiċi jew vjolenti fil-posts , fil-profil jew fi kwalunkwe tip ieħor ta' publikazzjoni tiegħek għal din il-Pjattaforma jew għal kwalunkwe wieħed min-networks tagħha.

Kontenut Mhux Xieraq

Dan li ġej jitqies bħala kontenut mhux xieraq. L-ippowstjar ta' tali kontenut jista' jirriżulta fis-sospensjoni tal-kont tiegħek kif ukoll fit-tneħħija tal-posts inkwistjoni:

- Posts jew immaġnijiet ta' natura malafamanti, abbużiva, vulgari, ta' mibegħda, ta' fastidju, oxxena, profana jew ta' theddida. Dan jinkludi kwalunkwe messaġġ jew materjal li huwa offensiv, ta' insult jew diżpreġġattiv etnikament, razzjalment, jew fuq bażi ta' reliġjon jew sesswali. Il-kontenut ippowstjat ma jirriflettix l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-responsabbiltà għall-informazzjoni u l-fehmiet

espressi fih hija kompletament tal-awturi tal-kontenut jew tal-materjal ippowstjat.

- Posts jew stampi li jiksru kwalunkwe liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
- Reklamar ta' prodotti jew servizzi għal użu kummerċjali. Tista' titkellem dwar l-organizzazzjoni tiegħek u l-inizjattivi tal-organizzazzjoni tiegħek biex tibda diskussjoni jew taqsam l-għarfien li stajt ġbart. Madankollu, ir-reġistrazzjoni biss biex tippromwovi lilek innifsek, il-kumpanija tiegħek jew lil oħrajn tista' twassal għas-sospensjoni tal-kont tiegħek.
- Diskussjonijiet dwar attivitajiet illegali inklużi l-piraterija tas-software u tal-media u ksur ieħor tal-proprjetà intellettuali.
- Diskussjonijiet ta' natura personali li ma humiex relatati ma' kwistjonijiet ta' saħħa pubblika.
- L-ippowstjar ta' informazzjoni personali ta' persuni oħra (jiġifieri numri tat-telefown, indirizzi, eċċ.) fuq in-network mingħajr il-kunsens tagħhom.
- Kwalunkwe kontenut li fih malware bħal virusijiet, Trojan horses, spyware eċċ. li jista' jkun ta' ħsara għal utent tal-kompjuter.
- Links għal kwalunkwe waħda minn dawn ta' hawn fuq.
- Diskussjonijiet b'lingwa oħra għajr l-Ingliż, ħlief fin-networks nazzjonali speċifiċi maħluqa għal dan il-għan fejn huma permessi pubblikazzjonijiet f'lingwi oħra tal-UE.

Avviż Legali

Jekk jogħġbok agħti titwila lill-**avviż legali**.

II-Protezzjoni tad-Data Personali

Jekk jogħġbok agħti titwila lid-**Dikjarazzjoni tal-Privatezza**.

L-użu mill-ġdid ta' pubblikazzjonijiet u ta' oġġetti oħra huwa awtorizzat, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u li l-membri tal-Pjattaforma ma jibdix it-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tal-materjal. Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea (jew f'isimha mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet) hija stabbilita bid-**Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011**.

Il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid u ma tweġibx għaliha.

Regolarment jiġu organizzati Webinars diretti mit-tim tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u dawn jiġu promossi permezz tal-Pjattaforma. Jekk tingħaqad magħhom, jekk jogħġbok agħti titwila lid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-webinars diretti dikjarazzjoni tal-privatezza.

Il-membri tal-pjattaforma li jippowstjaw u japplowdjaw il-materjali fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jiddikjaraw li huma s-sidien jew għandhom id-dritt li jużaw u jikkondividu l-kontenut fuq il-pjattaforma.

Ta' min jinnota li jekk il-kontenut tiegħek jinkludi materjali ta' partijiet terzi, inti responsabbli li tikseb l-awtorizzazzjoni u/jew id-dritt li tuża dawn il-materjali u trid tirrikonoxxi s-sorsi ta' eż. ritratti, ċarts, tabelli eċċ.

Bħala membru tal-Pjattaforma, żomm f'moħħok li jista' jkun hemm drittijiet oħra ta' partijiet terzi involuti, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' ritratti (eż. il-periti jistgħu jitolbu d-drittijiet tal-awtur għal kwalunkwe xogħol arkitettoniku oriġinali li jista' jiġi muri; l-istess japplika għall-artisti viżwali fir-rigward tax-xogħlijiet tal-arti tagħhom).

Il-persuni identifikabbli b'mod ċar fir-ritratti għandhom id-drittijiet għall-immaġni tagħhom stess u jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-pubblikazzjoni tagħha. Jekk jogħġbok kun ċert li għandek l-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa minn kwalunkwe persuna viżibbli fir-ritratti.

Billijiġu ppowstjati u applowdjati materjali fis-sit web, il-membri tal-Pjattaforma jagħtu lill-Unjoni Ewropea liċenzja mhux esklużiva, mingħajr royalties, perpetwa u globali li tuża, tirriproduċi, tikkomunika dwar u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-materjali fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u għall-attivitajiet relatati mal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

Il-membri tal-Pjattaforma huma mħeġġa jinkludu avviż dwar id-drittijiet tal-awtur għall-kontenut applowdjat. Meta l-kontenut jinkorpora materjali ta' partijiet terzi, id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur rilevanti għandhom jiġu identifikati b'mod ċar.

Meta r-rappreżentanti ta' diversi organizzazzjonijiet jkunu koawturi fl-istess dokument, id-drittijiet tal-awtur jinżammu b'mod konġunt minnhom kollha, għalhekk jekk jogħġbok elenka l-organizzazzjonijiet kollha involuti. Jaf tkun trid ukoll taħtar u tindika l-persuna li l-utenti jistgħu jikkuntattjaw biex jitolbu l-permessi.

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni, l-użu mill-ġdid huwa permess għad-dokumenti kollha tal-Kummissjoni Ewropea sakemm is-sors jiġi rikonoxxut, u l-membri tal-Pjattaforma ma jibdilx it-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tal-materjal. Dan ir-reġim ma japplikax għall-kontenut ta' parti terza. F'dawk il-każijiet, l-użu mill-ġdid jeħtieġ permess speċifiku sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Il-membri tal-Pjattaforma huma mħeġġa jindikaw il-kundizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tal-kontenut tagħhom.

L-Unjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li jista' jiġi kkawżat mill-kontenut imtella' jew ippowstjat mill-membri tal-Pjattaforma li ma humiex membri tal-persunal tal-UE.

Jekk taħseb li d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati tiegħek inkisru, nistednuk tikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea billi tibgħat email lil SANTE-HPP@ec.europa.eu

Suġġerimenti ta' kontenut aċċettabbli

- Żomm il-kontributi kollha fi ħdan il-qasam ta' interess xieraq jekk tkun qed tippowstja f'network speċjalizzat. Jekk il-kontenut ikun ta' natura ġenerali, ippowstjah fin-Network Agora.
- Uża titli qosra, ċari u konċiżi meta tippowstja dokumenti jew pubblikazzjonijiet.
- Jekk jogħġbok agħmel sforz biex tikkomunika b'mod kemm jista' jkun ċar.
- Jekk jogħġbok ikkondividi l-kontenut bħala li huwa ta' interess għall-organizzazzjoni tiegħek u mhux f'isem l-Unjoni Ewropea. Il-kontenut ippubblikat minn membri tal-Pjattaforma terzi (jiġifieri utenti li ma humiex il-Kummissjoni Ewropea) ma jirriflettix l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-responsabbiltà għall-informazzjoni u l-fehmiet espressi fih hija kompletament tal-awturi tal-kontenut jew tal-materjal ippowstjat.

Dokumenti prodotti fuq il-Pjattaforma mill-membri

L-għan ta' din il-Pjattaforma huwa li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet differenti tas-saħħa pubblika fl-Unjoni

Ewropea. Il-partijiet ikkonċernati jiġbru u jipproduċu b'mod konġunt dikjarazzjonijiet Konġunti dwar kwistjonijiet ta' saħħa pubblika fin-networks tematiċi. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tikkondividi informazzjoni li tista' tkun ta' rilevanza għal dawn id-dikjarazzjonijiet f'networks bħal dawn iżda ma hijiex se tikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet. Madankollu, il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ma jirriflettix l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Meta l-organizzazzjonijiet jikkontribwixxu għal dikjarazzjoni, l-awtur jiġi attribwit lill-organizzazzjonijiet li pproduċew id-dikjarazzjoni, u mhux lill-individwi li pparteċipaw f'isem l-organizzazzjonijiet.

Rapportar ta' mġiba mhux xierqa

- Il-pubblikazzjonijiet kollha jistgħu jiġu rrapportati mill-membri tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE lill-Kummissjoni Ewropea bħala mhux xierqa. Jekk taħseb li publikazzjoni tikser kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet tal-pjattaforma jew li l-kontenut ma huwiex xieraq, inti mħeġġeġ tavża lill-Kummissjoni billi tagħmel rapport.
- Jekk tixtieq tirrapporta l-imġiba mhux xierqa kontinwa, l-ispamming jew kontenut sistematikament mhux xieraq minn membru tal-Pjattaforma, jekk jogħġbok innotifika lil SANTE-HPP@ec.europa.eu, u spjega r-raġunijiet li għalihom qed tagħmel ir-rapport. Il-Kummissjoni Ewropea se tqis il-kummenti tiegħek u tiegħu azzjoni fejn xieraq.
- Personifikazzjoni: ma tistax tippretendi li inti xi membru ieħor tal-Pjattaforma jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra biex b'mod intenzjonat tqarra, tħawwad jew tinganna lil ħaddieħor jew tikkaġuna dannu lir-

reputazzjoni tagħhom. Jekk taħseb li membru tal-Pjattaforma qiegħed jippretendi li huwa membru jew entità oħra, jekk jogħġbok informa lill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' SANTE-HPP@ec.europa.eu

- Il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għal kwalunkwe personifikazzjoni, abbuż jew imġiba mhux xierqa tal-membri tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u ma twegħibx għalihom. Madankollu, hija tirriżerva d-dritt li tiegħu l-azzjoni meqjusa meħtieġa biex twaqqaf tali mġiba.

Monitoraġġ tas-sit u miżuri dixxiplinari

Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li timmonitorja l-Pjattaforma, inklużi n-networks, id-diskussjonijiet u kwalunkwe kontenut ieħor maqsum u tneħħi kwalunkwe post jew tissospendi lil membri li ma josservawx it-termini u l-kundizzjonijiet f'dan id-dokument, l-avviż legali mogħti fil-Pjattaforma u d-dikjarazzjoni tal-privatezza. Dan jinkludi posts li jibdlu jew jinterferixxu mal-operazzjonijiet tekniċi tagħna.

Il-Kummissjoni Ewropea żżomm id-dritt li tagħlaq jew tissospendi, b'mod temporanju jew permanenti, kwalunkwe kont ta' membri tal-Pjattaforma. L-utent jiġi nnotifikat u infurmat bir-raġunijiet għal tali deċiżjoni.

Jekk taħseb li ġejt ittrattat b'mod inġust mill-moderaturi, tista' tindirizza t-tħassib tiegħek lill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' SANTE-HPP@ec.europa.eu u aħna nqisu t-talba tiegħek bir-reqqa. Meta tikkuntattjana, jekk jogħġbok ipprovdi l-indirizz tal-email li użajt biex tirreġistra fil-Pjattaforma.

Ma hija se ssir l-ebda diskussjoni dwar is-sospensjoni ta' membru tal-Pjattaforma jew dwar kwalunkwe azzjoni dixxiplinarja mal-pubbliku ġenerali.

Dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà u limitazzjonijiet tar-responsabbiltà

Links mill-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE għal siti web esterni:

- Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tista' tipprovdi links għal siti tal-Istituzzjonijiet Ewropej u siti oħra li huma rilevanti għall-ħidma tal-Kummissjoni. Għandek tkun taf b'dan li ġej:
 - Jekk taċċessa sit web ieħor permezz ta' link li l-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE pprovdiet, inti tkun soġġett(a) għall-politika tal-privatezza ta' dak is-sit.
 - Il-Kummissjoni Ewropea ma hijiex responsabbli għall-kontenut ta' kwalunkwe paġna li ssir referenza għaliha mis-siti web tagħha. Il-links għal siti web oħra ma għandhomx jitqiesu bħala xi tip ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

Links minn siti web esterni għall-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE:

- Kwalunkwe link għall-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE fuq siti web esterni ta' partijiet terzi hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - Il-links għall-Pjattaforma jistgħu jsiru biss jekk il-paġni web juru t-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u l-avviż legali (jekk jogħġbok ipprovdli l-link għall-paġna ewlenija);

- Il-links ma għandhomx iqarrqu bil-membri tal-Pjattaforma tas-sit web l-ieħor fir-rigward tas-sors tal-kontenut. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ bħala sors;
- Meta s-sit web tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE jiġi aċċessat permezz ta' link esterna, għandu jkun ċar għall-membri tal-Pjattaforma li qed jaraw informazzjoni li hija bla ħlas u li ma hijiex esklużiva;
- Il-links ma għandhomx joħolqu l-impressjoni li l-Kummissjoni Ewropea tapprova jew tappoġġja l-oġġettivi jew il-kontenut tas-sit web ospitanti jew tal-organizzazzjoni li timmaniġġjah;
- Jekk il-links għall-Pjattaforma jsiru disponibbli f'siti web ibbażati fuq il-frames, il-kontenut mill-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE ma għandux jidher f'dak is-sit web b'mod li jista' jqarraq bil-membri tal-Pjattaforma fir-rigward tal-orijini tal-kontenut.

Terminazzjoni tal-użu tal-Pjattaforma

Għandek id-dritt li ttemm il-parteciġazzjoni tiegħek fil-Pjattaforma u tħassar il-kont tiegħek. Biex tagħmel dan, jekk jogħġbok agħmel it-talba tiegħek permezz ta' email lil SANTE-HPP@ec.europa.eu.

Konklużjoni

Filwaqt li dawn ir-regoli jkopru l-aktar xenarji komuni, ma jistgħux jantiċipaw ix-xenarji kollha. Konsegwentement, il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tiegħu kwalunkwe azzjoni meqjusa xierqa biex tiżgura li l-funzjonament tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE ma jiġi mfixxkel jew abbużat b'ebda mod.

Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tissospendi minnufih il-kont ta' membru tal-Pjattaforma mingħajr avviż minn qabel jekk l-utent ripetutament ma jirrispettax ir-**regoli ta' proċedura** tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma soġġetti għal reviżjoni. L-aktar verżjoni aġġornata dejjem tinstab fil-paġna ewlenija tal-Pjattaforma [hawnhekk](#). Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li taġġorna dan id-dokument mingħajr avviż minn qabel.

2.2 Prinċipji ta' Gwida fir-Rigward tat-Trasparenza

Kunflitt ta' Interess

L-organizzazzjonijiet irreġistrati fil-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE għandhom japprovaw b'mod demokratiku r-regoli tagħhom stess li japplikaw għal sħubijiet, sponsorizzazzjonijiet u għarfien espert xjentifiku. Ir-regoli għandhom jagħtu wkoll dettalji dwar kif jiġu ttrattati l-kunflitti ta' interess. Dikjarazzjoni li tistabbilixxi r-regoli għandha tkun disponibbli jekk tintalab. Din għandha tikkonforma mal-oġettivi u mal-missjoni tal-organizzazzjoni u għandha tinkludi l-kriterji tat-trasparenza.

Oġettivi/Missjoni

L-organizzazzjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-missjonijiet u l-oġettivi tagħha u għandha tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku. Dawn il-missjonijiet u l-oġettivi mbagħad għandhom jiġu approvati b'mod demokratiku mill-korp li jirrappreżenta s-sħubija fl-organizzazzjoni (eż. l-Assemblea Ġenerali).

Persuna ġuridika

L-organizzazzjoni għandha tkun legalment irreġistrata f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), fl-Iżlanda jew fin-Norveġja jew fi kwalunkwe pajjiż ieħor li jipparteċipa fil-finanzjament tal-Programm L-UE għas-Saħħa. It-talbiet għall-aċċess għall-Pjattaforma li jsiru minn organizzazzjonijiet legalment irreġistrati f'pajjiżi terzi jiġu evalwati fuq bażi *ad hoc* - dan japplika wkoll għat-talbiet mir-Renju Unit. Din id-dispożizzjoni jeħtieġ li tqis id-diversità statutorja tal-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari dawk tan-networks umbrella.

Id-dokumenti li jistabbilixxu l-personalità ġuridika għandhom jiddeskrivu b'mod preċiż l-oġġetti, il-kriterji għas-sħubija u l-istruttura organizzazzjonali, u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Sħubija

Jekk applikabbli, il-lista sħiħa tal-membri għandha tkun preċiża, disponibbli għall-pubbliku u aġġornata regolarment.

Governanza

L-organizzazzjoni għandu jkollha bord jew korp simili li jirrappreżenta s-sħubija tagħha. Ir-rwol ta' dan il-korp għandu jiġi ddefinit b'mod ċar u approvat mill-Assemblea Ġenerali. L-ismijiet u l-attivitajiet tal-membri tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Ir-relazzjoni tagħhom mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi jew privati wkoll trid tiġi ddikjarata b'mod ċar.

Fil-każ ta' "association de fait", iridu jintwerew strutturi u proċessi demokratiċi simili.

Modalitajiet ta' responsabbiltà u konsultazzjoni

Id-dikjarazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-organizzazzjoni għandhom jirriflettu l-fehmiet u l-opinjonijiet tal-membri tagħha. Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri ta' konsultazzjoni mal-membri demokratiċi, ċari, regolari u trasparenti u dawn għandhom jiġu ddefiniti minn regoli interni approvati b'mod demokratiku mill-Assemblea Ġenerali jew mill-membri nfushom.

Dawn il-proċeduri ta' konsultazzjoni għandhom jiżguraw li jsir dialogu effettiv bejn il-membri, il-korpi eżekuttivi ta' tmexxija u s-segretarjat, u għandhom jiżguraw li l-membri jappoġġjaw il-fehmiet espressi mill-organizzazzjoni.

Informazzjoni Finanzjarja

L-informazzjoni dwar il-finanzi, is-sorsi, u l-kontijiet għandha tiġi magħmula pubblika għal dawk li jixtiequ jikkonsultawha.

Kontijiet – L-organizzazzjoni għandha tippubblika l-kont annwali tagħha mill-inqas 6 xhur wara r-rieżami mill-Assemblea Ġenerali.

Sorsi ta' finanzjament - L-organizzazzjoni għandha tiddivulga s-sorsi tagħha ta' finanzjament kemm privat kif ukoll pubbliku billi ttipprovdi l-isem tal-finanzjaturi pubbliċi u privati, kif ukoll l-iskop tal-finanzjament. Għandhom jingħataw ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, f'termini ta' somom riċevuti u l-perċentwal tal-baġit tal-organizzazzjoni. Madankollu, ammonti żgħar ħafna (eż. 0.01 % tad-dħul totali tal-organizzazzjoni) ma għandhomx għalfejn jiġu inklużi.

Attivitajiet

L-organizzazzjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet imwettqa, kif ukoll it-tip ġenerali tal-attivitajiet. Bħala regola ġenerali, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-organizzazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, preċiża u aġġornata fuq bażi regolari. Din l-informazzjoni għandha tispeċifika l-miri istituzzjonali ewlenin tal-attivitajiet u kwalunkwe relazzjoni mrawma ma' sħab pubbliċi u privati.

2.3 Evalwazzjoni u Appoġġ Organizzazzjonali

Appoġġ Organizzazzjonali

Id-DĠ SANTE jipprovdi s-segretarjat tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE. Dan jikkoordina l-kontribut u l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjattaforma, jiffaċilita l-komunikazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni u jxerred l-informazzjoni internament. Dawn l-attivitajiet huma appoġġjati minn allokkazzjoni speċifika ta' fondi taħt il-Programm L-UE għas-Saħħa.

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u li l-membri tal-Pjattaforma ma jibdix it-tifsira jew il-messaġġ oriġinali tal-materjal. Il-politika tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011. Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid u ma tweghibx għaliha.

Informazzjoni ta' kuntatt



Għandek mistoqsijiet?

Jekk jogħġbok ibgħat kwalunkwe mistoqsija permezz ta' email lil SANTE-HPP@ec.europa.eu

© Il-Kummissjoni Ewropea, 2023